MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Numru. 910/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Abdulati Mohamed**

**Illum 19 ta' Settembru, 2013**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra:

**Abdulati Mohamed,** 39 sena, bin Ahmeed u Salma Alneefts, imwieled Tripoli (Libja), nhar id-09 ta' Lulju, 1974, residenti fil-fond numru 17, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22318A.

Akkuzat talli:

a) Talli fis-sieghat bikrin ta’ nhar id-19 ta’ Settembru, 2013, ghal habta tas-00:50 ta’ fil-ghodu waqt li kien Vjal ir-Repubblika, Gharghur, bil-hsieb li jghamel delitt u cioe’ jikkometti serq ta’ karozza tal-ghamla Peugeot tip 405 bin-numru tar-registrazzjoni CAC575 ghad-detriment ta’ James Bezzina, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma’ giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur, li jiskorri l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin, u mezz.
b) Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detriment ta’ James Bezzina.
c) Ukoll talli f’lok pubbliku jew f’post miftuh ghal pubbliku, kien fis-sakra f’mod li ma’ kienx jista’ jiehdu hsieb tieghu nnifsu.
d) Ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma’ jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll il-Qorti hija mitlub sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-imsemmija James Bezzina u Noel Bezzina, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u tagheml Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha prodotti.

Semghet l-ammissjoni tal-akkuzat.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi, filwaqt li qed issib lill-akkuzat hati tikkundannah piena karcerarja ta’ sitt xhur (6) sospizi ghal erba’ (4) snin u a tenut tal-Artiklu 7 tal-Kap 446, qed

tohroglu Probation Order fis-sens illi hu ghandu jghamel dawk il-programmi kollha li jigu lilu ordnati mill-Probation Officer sabiex johrog mill-problema tax-xorb ghal tliet snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------